**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Jannar, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 475/2018 AF**

**Claire Portelli u Kristian Sylvest Jorgensen**

**vs**

**JJC Construction Services Limited (C-27391)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-atturi Claire Portelli u Kristian Sylvest Jorgensen, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-atturi inkarigaw is-socjetà intimata bi ftehim ta' appalt tat-28 ta' Dicembru 2016 redatt mill-Perit Dottor Edwin Mintoff li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument CP1 sabiex jigu effettwati xogholijiet fil-fond 51/4, 51/5, Triq it-Tiben, Swieqi.

Dawn ix-xogholijiet kellhom jigu konkluzi sal-31 ta' Marzu 2017.

Ai termini tal-artikolu 5 tal-istess kuntratt ta' appalt, Dokument CP1, ix-xoghol ta' bini kellu jitlesta sad-data miftehma u fin-nuqqas li dan isir il-kuntrattur kellu jhallas lill-atturi s-somma ta' €150 kuljum sakemm ix-xoghol ikun lest.

Jirrizulta ix-xoghol ma tlestiex fil-hin kif miftiehem u baqa' ghaddej sas-16 ta' Novembru 2017 biex b'hekk il-penali dovuti ghal kull gurnata dewmien jammontaw ghal €34,500.00c.

Jirrizulta wkoll illi x-xogholijiet maghmula mill-intimat kien hemm ovvjament tal-hlas ta' €4,923, u dan kif gie certifikat mill-Perit Lesley Ann Mintoff skond dokument minnha mahrug fl-20 ta' Frar 2018, li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument CP2 u dan stante illi huma hallsuh zejjed is-somma hawn fuq imsemmija.

Dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-intimati m'ghandhom l-ebda eccezzjoni valida x'jaghtu in konnessjoni mat-talbiet attrici fejn ghandhom jigu kundatti jhallsu lill-atturi s-somma ta' €39,423.00c oltre l-imghax legali mis-27 ta' Marzu 2018.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjetà rikorrenti bid-dispensa tas-smiegh tar-rikors ai termini tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-intimat nomine bhala debitur tal-atturi fis-somma globali ta' €39,423.00c oltre l-imghax legali mis-27 ta' Marzu 2018 rapprezentanti *over payment* maghmul mir-rikorrenti lis-socjetà intimata kif ukoll tal-penali ta' danni certi, likwidi u skaduti skond ftehim ta' appalt tat-28 ta' Dicembru 2016 redatt mill-Perit Dottor Edwin Mintoff.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tas-27 ta' Marzu 2018, u tal-mandat ta' sekwestru numru 498/2018 u bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2018 u peress illi l-Qorti qieset li s-soċjetà konvenuta seta' kellha eċċezzjonijiet xi tressaq, ingħatat għoxrin jum żmien sabiex tippreżenta l-eċċezzjonijiet tagħha għar-rikors maħluf tal-atturi.

Rat ir-risposta maħlufa tas-soċjetà konvenuta JJC Construction Services Limited, li permezz tagħha eċċepiet illi:

Permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fis-seduta ta' nhar is-16 ta' Ottubru 2018, is-socjetà esponenti giet awtorizzata tressaq l-eccezzjonijiet taghha ghat-talbiet maghmula fir-rikors guramentat promotur.

Preliminarjament, *nonostante* dak miftiehem fil-kuntratt ta' appalt, ix-xogholijiet in kwistjoni bdew f'gurnata ferm wara dak miftiehem u dan minhabba ragunijiet imputabbli esklussivament lir-rikorrenti. *Di più*, anke waqt ix-xogholijiet kienu qeghdin jigu esegwiti, dawn ittawlu minhabba nuqqasijiet attribwibbli lir-rikorrenti.

*Di più*, is-socjetà esponenti kienet inkarigata taghmel diversi xogholijiet addizzjonali mhux kontemplati fil-kuntratt ta' appalt originali bil-konsegwenza li dak mitlub mir-rikorrenti ma setax jitwettaq fil-perjodu miftiehem.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xogholijiet kollha kienu tlestew qabel id-data li abbazi taghha r-rikorrenti qeghdin jifformulaw il-pretensjoni taghhom.

Ma kien sar ebda *overpayment* a favur tas-socjetà esponenti u dan ghaliex 'l hekk imsejjah *overpayment* kien jikkomprendi hlas ghax-xogholijiet addizzjonali li wettqet is-socjetà esponenti sabiex tesegwixxi l-inkarigu moghti lilha mir-rikorrenti.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, is-socjetà esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas penali għal dewmien u rifużjoni ta' ħlas żejjed fuq kuntratt t'appalt.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-atturi kienu inkarigaw lis-soċjetà konvenuta, rappreżentata minn Jeremy Cassar (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-kuntrattur') għal xogħol ta' kostruzzjoni fil-proprjetà tagħhom.

Il-partijiet iffirmaw kuntratt fit-28 ta' Diċembru 2016 għall-'*kostruzzjoni ta' appartamenti fis-Swieqi.*' Ġie maqbul illi x-xogħol jista' jibda fl-aħħar ta' Jannar 2017 u li jrid jitlesta sal-aħħar ta' Marzu 2017.

Ġie stipulat ukoll li jekk ix-xogħol ma jkunx jista' jitlesta sad-data stabbilita fil-kuntratt minħabba raġunijiet illi l-kuntrattur m'għandux kontroll fuqhom, huwa għandu javża lill-perit li għandu bil-miktub itawwal iż-żmien kif jidhirlu li hu xieraq. Ħlief f'dan il-każ, ġie stipulat li jekk ix-xogħol ma jkunx lest sad-data miftehma, il-kuntrattur irid iħallas penali ta' €150 kuljum sakemm ix-xogħol ikun lest.

L-atturi jgħidu li l-kuntrattur ma kienx lest mix-xogħol sad-data pattwita bi ksur tal-ftehim u għalhekk skattat il-klawsola penali

ta’ €150 kuljum b’dan illi dawn il-penali jammontaw għal €34,000. Skont l-atturi, ix-xogħol baqa’ għaddej sas-16 ta’ Novembru 2017. Huma jgħidu wkoll illi ħallsu €4,923 żejjed lill-kuntrattur u dan kif ċertifikat mill-perit tagħhom.

Da parti tiegħu, il-kuntrattur jeċċepixxi li:

i. Ix-xogħlijiet fil-fatt bdew aktar tard milli ġie miftiehem fil-kuntratt u dan minħabba raġunijiet imputabbli lill-atturi. B’żieda ma dan, waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet, kien hemm dewmien minħabba nuqqasijiet attribwibbli lill-atturi;

ii. Is-soċjetà konvenuta kienet inkarigata tagħmel xogħlijiet addizzjonali mhux kontemplati fil-kuntratt t’appalt bil-konsegwenza li x-xogħlijiet mitluba ma setgħux jitwettqu fil-perjodu stipulat;

iii. Ix-xogħlijiet kollha kienu lesti qabel is-16 ta’ Novembru 2017;

iv. Ma kien hemm l-ebda ħlas żejjed għalies dak li l-atturi qed isejħulu ‘ħlas żejjed’ huwa fil-fatt ħlas għax-xogħlijiet addizzjonali mitluba.

In linea ta’ prinċipju ta’ dritt, kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni (artikolu 1125 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta).

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti minn fejn jirriżulta illi:

i. Ix-xogħol fil-fatt beda għal ħabta tal-bidu ta’ Marzu u dan bil-kunsens tal-atturi peress illi l-kuntrattur ried jagħlaq xi proġetti oħra u fuq kollox il-perit inkarigata bis-sorveljanza tal-proġett kienet għadha ma għaddietx lill-kuntrattur l-aħħar verżjoni tal-pjanti strutturali;

ii. Wara li beda x-xogħol saru diversi emendi mill-perit fil-pjanti strutturali fuq talba tas-sidien u anke tal-kuntrattur

u minħabba f'hekk l-appalt ħa aktar żmien milli oriġinarjament previst;

iii. Il-kuntrattur fil-fatt lesta mix-xogħol li kellu jagħmel f'Settembru 2017 iżda peress li rriżulta li t-terazzin tal-*penthouse* il-ġdida inbena b'filata iżjed milli suppost u l-atturi ma setgħux japplikaw għall-*compliance certificate*, f'Novembru tal-2017 il-kuntrattur bagħat il-ħaddiema sabiex f'ġurnata jew tnejn ibaxxu l-opramorta kif meħtieġ.

Il-Qorti tqis li mhijiex verosimili l-allegazzjoni tal-attriċi li skont il-kuntrattur ix-xogħol tal-kostruzzjoni kien ser jieħu biss madwar seba' jew għaxart ijiem. Fil-fatt, il-partijiet qablu fuq xahrejn. Dan speċjalment meta rriżulta li l-appartament ta' taħt ma kienx ser jiġi żbarazzat kompletament in kwantu li kien hemm xi għamara li kellha tibqa' fil-post u l-ħaddiema tal-kuntrattur kellhom joqgħodu jċaqalqu kull ħaġa minn post għall-ieħor biex ikunu jistgħu jaħdmu.

Filwaqt illi l-atturi jgħidu li l-kuntrattur dejjem kellu l-pjanti strutturali li kellu bżonn biex jaħdem, mix-xhieda tal-perit u mill-korrispondenza bejn il-kuntrattur u l-attriċi stess jirriżulta li dan mhux minnu. In kontro eżami, l-attriċi xehdet illi hi kien minghaliha li l-perit u l-kuntrattur kellhom jiddiskutu bejniethom u li hi ma kellhiex tkun involuta fi kwistjonijiet tekniċi. Madanakollu, ma tistax l-attriċi tippretendi li l-kuntrattur iħallasha penali għad-dewmien u fl-istess ħin tgħid li ma kienx xogħolha li ssegwi l-komunikazzjonijiet mal-perit tagħha.

Fil-fatt, minkejja li l-perit tal-atturi tiċħad l-allegazzjoni tal-kuntrattur, mill-provi l-Qorti m'għandhiex dubju li l-operat stess tal-perit kien ikkontribwixxa għad-dewmien in kwantu li kien hemm problema ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet u l-istess perit kif ukoll illi l-perit kienet qed iddum biex tibgħat pjanti strutturali aġġornati.

Il-Qorti qiegħda tqis ukoll illi sforz l-għaġla kbira illi kellha l-attriċi sabiex tlesti kollox, kienet qed tkun xi ftit jew wisq irraġjonevoli f'dak li kienet qed tippretendi bħala *timeframe* biex jitlesta x-xogħol kollu in kwantu li huwa magħruf li f'dan it-tip t'appalt, dejjem ser jinqala' xi intopp. Bħal per eżempju, kif

xehdet il-perit stess, meta instab travu fis-saqaf li ma kienux jafu bih qabel. Fil-fatt, in kontro eżami l-perit tikkonferma li nqalgħu problemi li ma kienux previsti u li d-dewmien li kkawżaw dawn il-problemi ma jaħtix għalihom il-kuntrattur.

Jirriżulta wkoll illi għall-ħabta ta' Lulju, il-kuntrattur għamel xi żmien wieqaf peress illi wara li saqqaf il-*penthouse*, il-perit kienet għadha ma għaddietlux il-pjanti strutturali tal-komun u allura ma setax ikompli u jagħlaq ix-xogħol. Fil-fatt, il-perit ikkonfermat li dawn il-pjanti strutturali għaddiethomlu f'Awwissu.

Mill-atti jirriżulta wkoll li l-atturi ma ħadux ħsieb li jaraw illi l-pjanti strutturali huma lesti minn kollox qabel ma beda x-xogħol. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferenza għall-*e-mail* tal-perit lill-attriċi tat-2 ta' Marzu 2017 minn fejn jirriżulta li kienu għadhom qed jiddiskutu:

- Hux ser jaħsbu għal *reinforcement* fis-saqaf sabiex ikun jista' jsir *jacuzzi*;
- Qies tal-i*skylight*;
- Fejn ser isiru xi twieqi;
- Jekk ħajt partikolari hux se jsir 'normali' jew bil-*gypsum*,

dan kollu meta x-xoghol suppost beda fl-ahhar ta' Jannar 2017.

Il-Qorti tqis illi mhuwiex floku wkoll illi l-atturi jitfgħu l-ħtija kollha fuq il-kuntrattur fejn ma mexiex skont l-istruzzjonijiet tal-perit in kwantu li kienet l-attriċi stess li, minħabba li kienet frustrata bin-nuqqas ta' komunikazzjoni mal-perit, qalet lill-kuntrattur sabiex jaqbad u jmexxi mingħajr ma jistenna x'ser tgħidlu l-perit.

Il-Qorti ma taqbilx lanqas illi l-kuntrattur dam biex lesta x-xogħol kollu sas-16 ta' Novembru 2017. Ix-xogħol kien lest sa Settembru imma kif diġà ntqal, f'Novembru kellhom jerġgħu jmorru l-ħaddiema tal-kuntrattur sabiex ibaxxu l-opramorta b'filata. Imma b'daqshekk ma jfissirx illi sa dakinhar x-xogħol li kellu jagħmel il-kuntrattur ma kienx lest. Tant hu hekk illi fil-bidu ta' Ottubru, l-attriċi u l-perit kienu qed jiddiskutu l-kont finali tal-kostruzzjoni. Fuq kollox, il-perit tal-atturi stess xehdet

illi kien hemm raġunijiet oħra għalfejn ma setax joħroġ il-*compliance certificate*. X'kienu dawn ir-raġunijiet ma tgħidx.

L-obbligu tal-*buona fede* japplika għaż-żewġ naħat. Jidher li l-atturi qed jitolbu penali kważi ekwivalenti għall-valur tal-appalt kollu. Wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, din il-Qorti qiegħda tasal għall-konklużjoni li għalkemm jidher li x'aktarx kien hemm xi dewmien mhux ġustifikat da parti tal-kuntrattur, parti sostanzjali mid-dewmien ma kienx jahti ghalih hu imma kien attribwibbli lill-istess perit tal-atturi u tal-atturi stess.

Dwar il-penali, l-artikolu 1120 tal-Kap. 16 jiddisponi hekk:

> "*(1) Il-penali hija l-kumpens tal-ħsara li jbati l-kreditur minħabba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali.*
>
> *(2) Il-kreditur jista' jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali minflok ma jitlob il-penali li fiha jkun waqa' d-debitur.*
>
> *(3) Hu ma jistax jitlob il-ħaġa prinċipali u l-penali flimkien, ħlief meta l-penali tkun ġiet miftiehma għad-dewmien biss.*"

Fis-sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jsostnu li din il-Qorti hija prekluża milli tvarja l-penali dovuti skont il-kuntratt iffirmat mill-partijiet. Huma jibbażaw it-teżi tagħhom fuq id-disposizzjonijiet tal-artikolu 1122 tal-Kap. 16:

> "*(1) Il-qorti ma tistax tnaqqas jew ittaffi l-penali ħlief f'dawn il-każijiet:*
>
> *(a) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun aċċetta espressament il-biċċa li ġiet esegwita;*
>
> *(b) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-parti hekk esegwita, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari tal-kreditur, tkun biċ-ċar tiswielu. Iżda, f' dan il-każ, ebda tnaqqis ta' penali ma jista' jsir, jekk id-debitur, meta ntrabat għall-penali, ikun irrinunzja*

*espressament għal kull tnaqqis jew jekk il-penali tkun ġiet miftiehma għad-dewmien biss.*

*(2) Meta skont dan l-artikolu l-penali għandha tiġi mnaqqsa, it-tnaqqis għandu jsir fil-proporzjon tal-parti tal-obbligazzjoni li tkun baqgħet mhux esegwita*."

Dwar in-natura tal-klawsoli penali u l-effetti tagħhom, il-Qorti tagħmel riferenza għas-segwenti ġurisprudenza tal-Qrati tagħna:

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Emanuel Borg vs The Two Divers Company Limited, tas-27 ta' Frar 2008, ingħad illi:

"*M'hemmx dubbju illi klawsola penali f'kuntratt ghandha funzjoni essenzjalment rizarcitorja intiza biex tiffissa b'mod preventiv, u anke b'mod vinkolanti, l-ammont tad-dannu f'kaz ta' dewmien jew ta' inadempiment. F'dan is-sens jinsab ritenut illi l-klawsola penali "è una convenzione accessoria che serve di mezzo per rafforzare la obbligazione principale e rappresenta la valutazione convenzionale dei danni sofferti dal creditore per l' inadempimento o per la mora. Essa quindi riveste il triplice carattere di obbligazione accessoria, di mezzo coercitivo e di indennizzazzione convenzionale" ("**Goffredo Chretien nomine et -vs- John Ciancio**", Appell Kummercjali, 13 ta' April, 1921).*"

Din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Adams Investments Company Ltd vs Fra Ben Construction Limited, tad-19 ta' April 2012, qalet hekk:

"*Di più gie ritenut ukoll li meta jkun hemm ksur ta' kuntratt, l-obbligat ikun responsabbli ghad-danni. Dawn id-danni jistghu jkunu jew konvenzjonali jew gudizzjali. Ta' l-ewwel huma danni pre-likwidati, fejn il-kontraenti jiftiehmu minn qabel li, f'kaz ta' ksur tal-kuntratt, id-danni rizarcibbli jkunu tant, kwantifikati minn qabel. F'dan il-kaz, dawk id-danni jkunu dovuti minghajr htiega li ssir il-prova li dawk id-danni gew fil-fatt sofferti. Meta l-ftehim jistabbilixxi illi l-parti li tonqos mill-esekuzzjoni tieghu ghandha thallas somma*

*determinata bhala danni, ma tistax tigi moghtija lill-parti l-ohra somma akbar jew izghar. Gie dejjem ritenut li l-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni soggettiva taghha ghar-rieda tal-partijiet li digà stabbilew bejniethom il-quantum tad-danni li l-attur isofra minhabba l-inadempjenza tal-parti l-ohra fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni assunta minnha. Meta l-partijiet jiftiehmu minn qabel l-ammont ta' danni, ma tistax ikun hemm temperament fil-quantum, liberament miftiehma u assunta*."

Iżda fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Dr Malcolm Pace vs Karl Azzopardi pro et noe, tal-14 ta' Ottubru 2014, din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet hekk fir-rigward ta' talba għal danni pre-likwidati minħabba nuqqas ta' ottemperanza mal-kundizzjonijiet ta' ftehim:

"*...din il-Qorti tqis illi l-applikazzjoni tal-klawsola ta' penali fl-ammont imsemmi fil-klawsola sad-data tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni senjatament f'dan il-kaz il-hlas tal-management fee tmur kontra l-principju 'in omnibus quidem, tamen maxima in jure, aequitas spectandi sit' applikat b'success fil-kawza precitata Pace vs Micallef (App Civ 15/12/2004) u ricentement fl-Appell Civili Bergedahl nomine vs Francis Formosa (30/09/2011).*"

Dwar dak li jgħid l-artikolu 1120 tal-Kodiċi Ċivili, fl-istess sentenza ingħad hekk:

"*Pero tali dispost ghandu jinqara flimkien mal-artikolu 993 tal-Kap. 16 fejn il-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll ghal konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita, bl-uzu jew bil-ligi. Kif qalet il-Qorti tal-Appell* ***Pace vs Micallef*** *(15/12/2004):*

"*Din il-Qorti tifhem li fil-kuncett tal-bona fidi jidhol ukoll certu element ta' ekwità kif ukoll ta' sens prattiku u morali li jigi vjolat mhux biss meta konfrontat b'agir specifiku doluz biex jaghmel il-hsara, izda wkoll b'dak il-komportament li jkun ghal kollox spoporzjonat u li ma jkunx accettabbli skond in-normi stabbiliti tas-socjeta u tal-logika guridika.*"

*Ovvjament kull kaz hu differenti u c-cirkostanzi jridu jittiehdu in kunsiderazzjoni skond in-natura tal-kaz. Il-Qorti tqis illi hemm spoporzjon kbir bejn l-ammont ta' penali u l-management fee pattwita. In oltre l-Qorti hi ferm riluttanti li taccetta ottemperanza ma tali impozizzjoni ta' penali meta l-attur dam disa' snin biex ressaq talba ghal non osservanza tal-hlasijiet dovuti meta bhala kreditur hu fid-dover li jimminimizza d-danni. Fil-fehma tal-Qorti jekk dato non concesso l-penali kienet applikabbli, il-penali imposta hi wisq eccessiva u l-pretensjoni taghha mill-attur tirrasenta l-arrikiment indebitu."*

Fl-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Michael Pace vs Richard Micallef, tal-15 ta' Diċembru 2004, il-Qorti imbagħad kompliet hekk:

*"Din il-Qorti digà esprimiet il-fehma li l-kwistjoni ma kienetx regolata biss bl-Artikolu 992 tal-Kodici Civili, izda kienet regolata b'xejn anqas bl-Artikolu 993 ta' l-istess Kodici li jesigi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi. Din il-Qorti tistaqsi: l-attur appellat kien qieghed jagixxi bil-bona fidi meta kien qieghed jesigi li l-Qorti tillikwidalu l-penali fl-ammont astronomiku fis-somma ta' mija u sitta u tletin elf u seba' mitt lira Maltin (Lm136,700), meta z-zewg appalti kienu jiswew komplessivament issomma ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) u meta x-xoghlijiet li rrizulta li l-konvenut ma lahaqx lesta kienu erba' partiti li wiehed jista' jqishom bhala kwazi insinifikanti? Din il-Qorti tistaqsi wkoll: ma kellux dover l-attur, bhal kull persuna ohra li tissubbixxi d-danni, li l-istess danni tipprova timminimizzhom kemm jista' jkun? Apparti l-aspett etiku u morali tal-kwistjoni li qed tigi investigata, l-attur jista' jkollu xi gustifikazzjoni li jippretendi li a bazi tac-cirkostanzi u l-fattispeci patikolari ta' dan il-kaz ikollu arrikkiment daqstant eccissivament indebitu bi pregudizzju tal-konvenut?"*

Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Tucan Investments Limited vs Mario Camilleri et, tal-14 ta' Diċembru 2016:

*"Fil-fehma tal-Qorti, din it-tendenza hija l-aktar li taghmel gustizzja in kwantu tizgura li rrispettivament minn dak li jkun ftehmu l-partijiet, ma tinholoqx il-possibiltà li jkun hemm konsegwenzi li ma jaghmlux sens.*

*Fil-kaz in ezami huwa evidenti li l-penali li giet mitluba hija bbazata fuq l-inadempjenza da parti ta' l-intimati milli jirregistraw 123,000 ishma f'isem Tucan Investments Limited.*

*Din il-Qorti tikkondividi l-insenjamenti fuq rapportati li penali eccessivi jistghu jigu riveduti u mibdula anke fil-kaz ta' penali ghall-inadempjenza u mhux biss ghad-dewmien meta fil-fehma tal-Qorti, irrispettivament minn dak li jkunu ftehmu l-partijiet, tista' tinholoq il-possibilità li jkun hemm konsegwenzi assurdi.*

*Dan huwa proprju dak li ghandu japplika fil-kaz tal-lum: in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit."*

Tal-istess portata kienu d-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Mary Rose Falzon Manduca vs Mario Grima, tat-8 ta' Marzu 2005 u A.M. Developments Limited vs Pauline Micallef, tat-28 ta' Ottubru 2013.

Finalment, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Angelo Bartolo noe vs Emmanuel Zammit, deċiża fid-19 ta' Jannar 2006:

*"Jista' jinghad li kemm fil-ligi tedesca, (art. 343(1)BGB) kif ukoll f'dik franciza (art. 1152), belgjana (art. 1231CC) u taljana (art. 1382KC), il-legislatur ta' b'mod espress il-poter lil gudikant biex inaqqas il-penali f'kaz li din tirrizulta eccessiva. Il-gurista taljan De Cupis, "Sulla Riduzione della Penale" (Edit. 1983), jispjega, f'pagna 236, li t-tnaqqis gudizzjarju isservi u ghandha tiftiehem bhala mizura korrettiva tal-funzjoni punitiva li jista' jkollha tali klawsola, u dan biex jigi evitat abbuz; huwa dmir tal-gudikant li jara li d-drittijiet reklamata ma jigux uzati b'mod li tinholoq ingustizzja.*

*Interessanti fil-Belgju kif il-Qrati ta' dak il-pajjiż juzaw il-bona fide biex "jikkoregu" kaz ta' abbuz lampanti. Fil-ktieb "Introduction to Belgian Law" ta' Bocken and DeBondt, gie indikat kif din il-funzjoni ta' bona fide tahdem. Jinghad a propositu (f'pagna 234):*

*"After the conclusion of a contract, a situation can arise which the parties did not foresee. Hence the contract does not regulate the issue. In such a situation, the standard of good faith applies: the parties must do whatever reasonable persons would do in the same factual situation. In determining how a reasonable person would perform, regard has to be given, inter alia, to the common intention of the parties, the terms, the nature and the purpose of the contract.*

*The complementary function of good faith in principle results in a number of additional commitments, besides the contractual obligations. A driver who has his car repaired by a garage manager, has the obligation not only to pay the price, but also to pick up his car within a reasonable time. A contractor who has received an order to repair a machine and who establishes while performing that the cost of the repairs will exceed the price of a new machine, is under an obligation to directly inform the principal. A garage keeper, who regularly provides for the maintenance of a car of a client, has the obligation to consult the maintenance directives of that particular car on his own initiative, even if the client did not ask for it.*

*The complementary function of good faith deals with a situation in which the parties did not expressly foresee their respective rights and duties. The starting point of the corrective function is different: now the parties did foresee what would be their rights and duties, but the obligee is acting in a manifestly unreasonable way, so that his use of a contractual right degenerates into an abuse. Abuse of contractual rights is sanctioned by the corrective function of good faith.*

*The criterion of judging over an abuse of rights is, again, the reasonable man placed in the same factual situation. In applying this standard, the judge only disposes of a marginal control. This means that the use of a right can only be qualified as an abuse, if it is manifestly clear, if there is no doubt whatsoever, that a reasonable man would not have acted in the same manner as the defendant".*

*Fil-waqt li l-ewwel funzjoni ta' bona fide gieli issib applikazzjoni fid-decizjonijiet tal-Qrati Maltin, il-"corrective function" taghha ghad irid jigi zviluppat, ghalkemm bis-sentenza taghha aktar qabel kwotata ("Pace vs Micallef noe"), l-Onorabbli Qorti tal-Appell donnha trid taghti spinta lil din il-funzjoni tal-bona fide. Ta' min josserva wkoll li l-principju ta' "abuse of rights" mhux aljen ghall-ordinament guridiku Malti – ara "Cauchi vs Byers", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 1995, "Attard vs Xuereb", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1993, u "Saliba vs Cassar", deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-30 ta' Ottubru, 2000, fejn dan il-principju gie accettat fuq l-iskorta tal-gurista taljan, Fadda."*

Applikati dawn il-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna għall-każ tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jimmeritaw li l-penali għandhom jiġu riveduti fl-interess tal-ekwita u tal-ġustizzja.

Ma jirrizultax lil din il-Qorti provi tekniki sodisfacenti biex iwassluha tistabilixxi bi precizjoni l-ġurnata meta il-konvenut kellu raġjonevolment jispiċċa x-xogħol li ġie inkarigat sabiex jagħmel u fl-istess ħin tieħu qies ukoll tad-dewmien li għalih kien jaħti ħaddieħor.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ u applikati l-insenjamenti ta' dawn il-Qrati skont il-ġurisprudenza ċitata, għall-inadempjenza tal-kuntrattur qiegħed jiġi likwidat l-ammont ta' €5,000 *arbitrio boni viri* li għandu jħallas l-istess kuntrattur għad-dewmien sabiex ġie esegwit l-appalt kollu kif pattwit.

Finalment, jibqa' l-kwistjoni tal-flus imħallsa żejda lill-kuntrattur. Il-Qorti tqis illi l-kuntrattur ma ġab l-ebda prova, bħal per

eżempju *workings* maħduma mill-perit tiegħu sabiex jiġġustifika r-rati u sigħat kontestati. Għaldaqstant, u in kwantu li t-talba tal-atturi hija sostanzjata mill-*workings* tal-perit tagħhom, din il-parti tat-talba attriċi ser tintlaqa' fl-ammont kif pretiż minnhom.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba attriċi;

2. Tilqa' l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta sa fejn huma kompatibbli ma dak deċiż;

3. Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni;

4. Tilqa' t-tieni talba attriċi limitatament billi tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' disat elef disa' mija u tlieta u għoxrin Ewro (€9,923) bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż tal-kawża għandhom jinqassmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG